**SEJĦA 2025/Skema tal-Ilma tal-Vit – Għotja fuq Xiri ta' Filtru/i tal-Karbonju Attivat.**

Jekk jogħġbok ħu ħsieb li timla t-taqsimiet kollha tal-formola, inkluż dawk tal-paġna ta' wara. Applikazzjonijiet li ma jkunux kompluti ma jiġux ipproċessati. *Faxes* u fotokopji tal-formola tal-applikazzjoni kompluta ma jiġux aċċettati.

Din il-formola għandha tkun akkumpanjata mad-dokumentazzjoni msemmija hawn taħt (jekk jogħġbok immarka l-kaxxi sabiex tikkonferma li d-dokumenti ġew mehmuża):

1. Kopja tal-Karta tal-Identità tal-Applikant/Dokument ta' Residenza ☐
2. Kopja tal-kont tal-elettriku li nħareġ fl-aħħar 12-il xahar, f'isem l-applikant. L-iskema tal-konsumatur trid tkun 'Residenzjali' jew 'Domestika' ☐
3. Irċevuta fiskali oriġinali datata maħruġa f'isem l-applikant li tipprovdi dettalji tal-oġġett mixtrija ☐

2025/TW

## Taqsima (i) – Dettalji tal-Applikant

| | |
|---|---|
| Isem:____________________________ | Kunjom:_________________________________ |
| Nru tal-Karta tal-Identità:__________________ | Nru tat-telefown:________________________________ |
| E-mail:______________________________________________________________________ | |

## Taqsima (ii) – Indirizz fejn ġiet installata s-sistema

| | |
|---|---|
| Isem jew numru tad-dar: ________________________________________________________ | |
| Triq: _____________________________________________________________________ | |
| Lokalità:___________________________ | Kodiċi Postali:______________________________ |

## Taqsima (iii) - Indirizz Postali

Jekk tixtieq li l-korrispondenza rigward l-iskema tintbagħat f'indirizz differenti mill-indirizz tal-installazzjoni mogħti hawn fuq, jekk jogħġbok imla din il-parti. Jekk din il-parti ma timteliex, il-korrispondenza kollha tintbagħat fl-indirizz identifikat f'Taqsima (ii).

| | |
|---|---|
| Isem jew numru tad-dar:__________________________________________________________ | |
| Triq:______________________________________________________________________ | |
| Lokalità: ______________________________ | Kodiċi Postali:______________________________ |

## Taqsima (iv)- Dettalji tal-Kont Bankarju

| |
|---|
| Detentur tal-Kont Bankarju: |
| IBAN: |
| BIC: |



Zentrum Business Centre • Livell 1 • Triq l-Imdina • Qormi • QRM 9010 • Malta
Tel: 153 • E-mail: enquiry@rews.org.mt • www.rews.org.mt

**Taqsima (v) – Dettalji tal-Installazzjoni**

| |
|---|
| Data ta’ Xiri: |
| Isem il-Fornitur: |
| Prezz tax-xiri tal-apparat inkluż il-VAT: |
| Numru tal-Irċevuta: |

**Taqsima (vi) - Dikjarazzjoni tal-Applikant**

| |
|---|
| Nikkonferma li jien is-sid tal-propjetà jew enfitewta jew kerrej bl-awtorità kollha neċessarja biex napplika għal din l-għotja (kerrejja għandhom jehmżu kopja tal-kuntratt tal-kiri). Nikkonferma wkoll li m’hemm l-ebda impediment legali li jipprekludini milli nissottometti din l-applikazzjoni validament u, jew b’suċċess. |
| Nikkonferma li l-post fejn ġiet installata s-sistema huwa konformi mar-rekwiżiti tal-permess tal-ippjanar. |
| Nikkonferma li jien (jew kwalunkwe membru ieħor tad-dar) ma ksibtx xi għotjiet jew sussidji oħra għall-istess Sistema jew Sistema simili, minn fondi pubbliċi jew nazzjonali jew tal-UE. Nikkonferma li m’iniex se neżerċita d-dritt li nikseb, jew nikseb, kwalunkwe ħlas lura ta’ taxxa, tnaqqis inkluż tnaqqis ta’ kreditu ta’ taxxa fuq ix-xiri mit-taxxa fuq il-bejgħ skont it-termini tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), jew xi rifużjoni oħra ta’ taxxa tkun kif tkun deskritta, fir-rigward tal-ispiża eliġibbli fuq is-sistema tal-Ilma tal-Vit (TW). |
| Nikkonferma li l-propjetà fejn hi installata s-sistema hija residenzjali u tintuża minni stess għal skopijiet residenzjali biss. |
| Nikkonferma li m’iniex qed napplika għan-nom ta’ intrapriża (li twettaq attività ekonomika), u li m’iniex sid il-kera tal-propjetà fejn hi installata s-sistema. |
| Nikkonferma li s-sistema tal-TW installata fl-indirizz tal-installazzjoni pprovdut f’taqsima (ii) ta’ din l-applikazzjoni hija koperta mill-inqas sitt xhur garanzija. |
| Nikkonferma li naf li s-sistema tal-TW installata trid tibqa’ topera tul il-perjodu hekk kif stabbilit fil-linji gwida ta’ din l-iskema[1]. Nikkonferma wkoll li naf u li se nimxi mal-Att 71 (Durabilità tal-Operazzjoni) tal-Council Regulation EC/1303/2013. |
| Niddikjara li nagħraf li l-informazzjoni kollha li qed nippreżenta f’din l-applikazzjoni tista’ tiġi mgħoddija mir-REWS lill-entitajiet oħra Governattivi (entitajiet imsemmija fl-Avviż dwar il-Protezzjoni tad-Data iktar ’l isfel f’din l-applikazzjoni). Ir-REWS, fid-dawl tal-jedd tagħha li titlob is-sottomissjoni ta’ informazzjoni taħt l-Artiklu 5 (4) tal-Att dwar ir-REWS, ir-REWS tista’ titlob lil dawn l-entitajiet governattivi biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa, u r-REWS tirriżerva d-dritt li żżomm din l-applikazzjoni sospiża, sakemm din l-informazzjoni tingabar u tkun kontroverifikata. |
| Se nagħti aċċess lill-organizzazzjonijiet kollha relevanti li huma involuti fl-implimentazzjoni u l-kontroll ta’ din l-iskema (inkluż ir-REWS u awdituri – kemm lokali kif ukoll tal-UE – fost oħrajn) biex jispezzjonaw l-installazzjoni tal-TW fir-residenza tiegħi wara li jkun ingħata avviż xieraq mir-Regolatur. |

Jien, hawn taħt iffirmat/a, niċċertifika li qrajt u fhimt ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-għotja, disponibbli fuq is-sit elettroniku tar-REWS www.rews.org.mt[2] . L-informazzjoni provduta f’din il-formola hi preċiża u vera sa fejn naf jien. Nifhem li kwalunkwe tentattiv biex nippreżenta informazzjoni żbaljata f’din il-formola jwassal biex din l-applikazzjoni tiġi nvalidata u biex jien niġi skwalifikat/a mit-talbiet kollha għal rifużjonijiet fil-futur. Nagħraf li l-awdituri tar-REWS u ta’ awtoritajiet oħra nazzjonali u Ewropej jistgħu jwettqu spezzjonijiet fuq il-post u li ismi flimkien mal-għajnuna mogħtija fuq l-investiment jistgħu jidhru fuq dokumenti pubbliċi.

Firma tal-Applikant ______________________ Data__________________________

2025/TW

[1] Jekk niddeċiedi li nbiegħ jew nikri r-residenza jew nibdel l-użu tagħha matul dan il-perjodu, għandi ninforma lil REWS kif xieraq.

[2] Kopja tad-dokumenti tal-iskema jistgħu jinkisbu mill-uffiċini tar-REWS.



Zentrum Business Centre • Livell 1 • Triq l-Imdina • Qormi • QRM 9010 • Malta
Tel: 153 • E-mail: enquiry@rews.org.mt • www.rews.org.mt

**AVVIZ DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DATA**

Waqt l-ipproċessar tad-data personali tiegħek, ir-Regolatur se jikkonforma mal-obbligi leġiżlattivi vinkolanti imposti mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data 2016/679 tal-UE (il-"GDPR") u l-liġi nazzjonali ta' Malta li tirrikjedi standard adegwat ta' protezzjoni tad-data.

L-ipproċessar tad-data personali tiegħek mir-Regolatur se jsir fit-twettiq ta' xogħol fl-interess pubbliku jew fl-eżerċitar tal-awtorità uffiċjali vestita fir-Regolatur u, jew f'konformità ma' obbligu legali.

Skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-bażijiet legali, ir-Regolatur jipproċessa l-informazzjoni personali tiegħek mal-Enemalta PLC, l-Automated Revenue Management Services Ltd. (ARMS Ltd), il-PPCD, id-Dipartiment tat-Teżor, id-Dipartiment tal-VAT, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, l-Awtorità tal-Ippjanar, l-Awtorita għall-Ambjent u r-Riżorsi, l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma, il-Bord ta' Sorveljanza fuq l-Għajnuna Mogħtija mill-Istat, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali u l-Korporazzjoni Malta Enterprise.

Tista' taċċessa l-politika tar-Regolatur dwar il-Privatezza tad-Data hawn: https://www.rews.org.mt/#/en/a/51-privacy-policy

2025/TW



Zentrum Business Centre • Livell 1 • Triq l-Imdina • Qormi • QRM 9010 • Malta
Tel: 153 • E-mail: enquiry@rews.org.mt • www.rews.org.mt